



---

*Kumitat għas-Sajd*

---

**2023/0206(COD)**

8.11.2023

**\*\*\*I**

## **ABBOZZ TA' RAPPORT**

dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni, ta' ġestjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni dwar is-sajd fil-Grigal tal-Atlantiku, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1899/85 u r-Regolament (UE) Nru 1236/2010 (COM(2023)0362 – C9-0221/2023 – 2023/0206(COD))

Kumitat għas-Sajd

Rapporteur: Francisco Guerreiro

### ***Tifsira tas-simboli użati***

- \* Proċedura ta' konsultazzjoni
- \*\*\* Proċedura ta' approvazzjoni
- \*\*\*I Proċedura leġislattiva ordinarja (l-ewwel qari)
- \*\*\*II Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tieni qari)
- \*\*\*III Proċedura leġislattiva ordinarja (it-tielet qari)

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi ġuridika proposta mill-abbozz ta' att.)

### ***Emendi għal abbozz ta' att***

#### **Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

#### **Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa***. Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ■ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

## WERREJ

### Paġna

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....	5
NOTA SPJEGATTIVA .....	9



## **ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW**

**dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi miżuri ta' konservazzjoni, ta' ġestjoni u ta' kontroll applikabbli fiż-żona koperta mill-Konvenzjoni dwar il-kooperazzjoni multilaterali fil-ġejjieni dwar is-sajd fil-Grigal tal-Atlantiku, li jemenda r-Regolament (UE) 2019/1241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1224/2009, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1899/85 u r-Regolament (UE) Nru 1236/2010 (COM(2023)0362 – C9-0221/2023 – 2023/0206(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2023)0362),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 43(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C9-0221/2023),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,
  - wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tal-20 ta' Settembru 2023<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 59 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għas-Sajd (A9-0000/2023),
1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;
  2. Jitlob lill-Kummissjoni biex terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sostanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sostanzjali;
  3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

### **Emenda 1**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 1 – paragrafu 2**

---

<sup>1</sup> Għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali.

*Test propost mill-Kummissjoni*

2. Dan ir-Regolament japplika ***mingħajr preġudizzju għall-obbligi*** stabbiliti fir-regolamenti eżistenti fis-settur tas-sajd, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2017/2403<sup>42</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008<sup>43</sup> u (KE) Nru 1224/2009.

---

<sup>42</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

<sup>43</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

*Emenda*

2. Dan ir-Regolament japplika ***minkejja l-obbligi*** stabbiliti fir-regolamenti eżistenti fis-settur tas-sajd, b'mod partikolari r-Regolament (UE) 2017/2403<sup>42</sup> tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u fir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008<sup>43</sup> u (KE) Nru 1224/2009.

---

<sup>42</sup> Ir-Regolament (UE) 2017/2403 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2017 dwar il-ġestjoni sostenibbli ta' flotot tas-sajd esterni, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1006/2008 (ĠU L 347, 28.12.2017, p. 81).

<sup>43</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1005/2008 tad-29 ta' Settembru 2008 li jstabbilixxi sistema Komunitarja sabiex tipprevjeni, tiskoraġġixxi u telimina sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat, li jemenda r-Regolamenti (KEE) Nru 2847/93, (KE) Nru 1936/2001 u (KE) Nru 601/2004 u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 1093/94 u (KE) Nru 1447/1999 (ĠU L 286, 29.10.2008, p. 1).

Or. en

**Emenda 2**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – titolu**

*Test propost mill-Kummissjoni*

***Żibel*** fil-baħar u rkupru ta' rkaptu mitluf

*Emenda*

***Skart*** fil-baħar u rkupru ta' rkaptu mitluf

Or. en

**Emenda 3**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 11 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni huma ***pprojbti milli jabbandunaw*** jew ***jiskartaw*** b'mod deliberat l-irkaptu tas-sajd ***u milli jarmu l-iskart*** mill-bastimenti kif definit fid-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>48</sup> fil-baħar, f'konformità mal-Anness V tal-MARPOL dwar ir-Regolamenti għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis miż-Żibel tal-Bastimenti.

---

<sup>48</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116).

*Emenda*

1. Il-kaptani tal-bastimenti tas-sajd tal-Unjoni huma ***legalment responsabbli biex jiżguraw li ma jabbandunawx*** jew ***ma jarmux*** b'mod deliberat l-irkaptu tas-sajd ***jew ma jiskarikaw l-ebda tip ta' skart*** mill-bastimenti ***tagħhom*** kif definit fid-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>48</sup> fil-baħar, f'konformità mal-Anness V tal-MARPOL dwar ir-Regolamenti għall-Prevenzjoni tat-Tniġġis miż-Żibel tal-Bastimenti.

---

<sup>48</sup> Id-Direttiva (UE) 2019/883 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar il-faċilitajiet tal-akkoljenza fil-portijiet għall-konsenja ta' skart minn bastimenti, li temenda d-Direttiva 2010/65/UE u li tħassar id-Direttiva 2000/59/KE (ĠU L 151, 7.6.2019, p. 116).

Or. en

**Emenda 4**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 52 – paragrafu 1**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. L-Istati Membri tal-port għandhom jiżguraw is-sorveljanza b'teknoloġiji tal-kamera u tas-sensuri fil-faċilitajiet tal-ħatt l-art u tal-ipproċessar fejn jintiżnu aktar minn 3 000 tunnellata fis-sena tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 48.

*Emenda*

1. L-Istati Membri tal-port għandhom jiżguraw is-sorveljanza b'teknoloġiji tal-kamera u tas-sensuri fil-faċilitajiet tal-ħatt l-art u tal-ipproċessar fejn jintiżnu aktar minn 3 000 tunnellata fis-sena tal-ispeċijiet imsemmija fl-Artikolu 48. ***Dawk il-miżuri għandhom japplikaw għall-ħatt l-art li jaqbeż l-10 tunnellati ta' dawk l-ispeċijiet.***

Or. en

**Emenda 5**

**Proposta għal regolament  
Artikolu 54 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

*Test propost mill-Kummissjoni*

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55 *fir-rigward ta'* miżuri adottati min-NEAFC *li jikkonċernaw*:

*Emenda*

1. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 55 *dwar* miżuri adottati min-NEAFC *fir-rigward ta'*:

Or. en



## NOTA SPJEGATTIVA

Ir-rapporteur jilqa' r-Regolament propost li jiġbor u jimplimenta fid-dritt tal-Unjoni l-miżuri ta' konservazzjoni, ta' ġestjoni u ta' kontroll adottati mill-Kummissjoni tas-Sajd tal-Atlantiku tal-Grigal (NEAFC). Sabiex jiġi żgurat sfruttament sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi tal-baħar flimkien ma' kundizzjonijiet ekwi fiż-żona tal-Konvenzjoni NEAFC, it-traspożizzjoni tar-rakkomandazzjonijiet kollha fil-liġi tal-Unjoni Ewropea (UE) għandha titlesta malajr.

In-NEAFC għandha rwol sinifikanti fir-regolazzjoni u l-konservazzjoni tar-riżorsi tal-baħar, fis-sorveljanza tal-attivitajiet tas-sajd, u fis-salvagwardja tal-ekosistemi fraġli f'din iż-żona. Billi jinkorporaw ir-rakkomandazzjonijiet tan-NEAFC fil-liġi tal-Unjoni, il-bastimenti tal-UE jistgħu jiżguraw li l-prattiki tas-sajd tagħhom ikunu allinjati ma' ftehimiet u impenji internazzjonali, filwaqt li jippromwovu ġestjoni tas-sajd responsabbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent. Din it-traspożizzjoni tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri tal-UE u s-sħab internazzjonali, issaħħaħ id-dedikazzjoni komuni tagħna biex niġġieldu s-sajd eċċessiv, nipproteġu l-ispeċijiet vulnerabbli kif ukoll l-ekosistemi, u nżommu l-vijabbiltà fit-tul tas-sajd fl-Atlantiku tal-Grigal.

Ir-rapporteur jixtieq jenfasizza wkoll l-importanza tal-oġġettivi tal-Politika Komuni tas-Sajd (PKS), b'mod partikolari l-impenji ambjentali tal-politika li jappartjenu għal meta l-bastimenti tal-UE jkunu attivi f'ilmijiet mhux tal-UE, u l-aderenza mar-regoli rispettivi tal-Organizzazzjoni Reġjonali tal-Ġestjoni tas-Sajd (RMFO). Ir-regoli tal-PKS, jekk jiġu implimentati kif support, jipprovdu approċċ ambizzjuż u sostenibbli għall-ġestjoni tas-sajd.

Fl-2022, l-Unjoni kellha 301 bastiment tas-sajd awtorizzati joperaw fiż-Żona Regolatorja tan-NEAFC, jiġifieri, lil hinn mill-ilmijiet taħt il-ġurisdizzjoni tas-sajd tal-Partijiet Kontraenti. Madankollu, l-operazzjonijiet tas-sajd attwali tal-Unjoni kienu pjuttost limitati, bil-Litwanja, il-Latvja u l-Estonja attwalment għandhom l-aktar attività tas-sajd sinifikanti fl-ilmijiet internazzjonali tal-Baħar ta' Barents. Xi bastimenti tal-Unjoni mill-Portugall, Spanja, Franza u n-Netherlands joperaw f'żoni oħra wkoll, sa ċertu punt anqas. Għalhekk, il-maġġoranza l-kbira tal-attività tas-sajd hija kkonċentrata fl-ilmijiet tal-Unjoni.

Ir-rapporteur jinnota li t-Titolu III tar-Regolament propost jimplimenta r-rekord maqbul tal-konklużjonijiet tal-konsultazzjonijiet dwar is-sajd, bejn in-Norveġja, l-UE, il-Gżejjer Faeroe, Greenland, l-Iżlanda u r-Renju Unit dwar miżuri ta' kontroll għall-istokkijiet pelaġiċi fl-Atlantiku tal-Grigal, ta' Novembru 2022. Ħamsa mis-sitt Partijiet Kontraenti tan-NEAFC qablu li jappoġġjaw is-sorveljanza b'teknoloġiji tal-kamera u tas-sensuri fil-faċilitajiet tal-ħatt l-art u tal-ipproċessar, fejn jintiżnu aktar minn 3,000 tunnellata fis-sena ta' ċerti speċijiet. Għalhekk huwa koerenti li dawn id-dispożizzjonijiet jiġu inkorporati fir-Regolament preżenti wkoll, sabiex jiġi evitat kwalunkwe dewmien u biex jiġi żgurat li l-Istati Membri tal-port ikollhom biżżejjed żmien biex iħejju għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri diġà miftiehma qabel id-data ta' applikabbiltà tagħhom, jiġifieri l-1 ta' Jannar 2026. Barra minn hekk, dan mhux biss irawwem kundizzjonijiet ekwi iżda jservi wkoll bħala xhieda tal-impenn tal-UE li tissodisfa l-obbligi internazzjonali tagħha lejn is-sħab globali tagħna.